IL-KUMMISSJONI EWROPEA

IR-RAPPREŻENTANT GĦOLI TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U L-POLITIKA TA' SIGURTÀ

Brussell, 30.9.2013
JOIN(2013) 26 final

2013/0330 (NLE)

Proposta Konġunta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 147/2003 dwar ċerti miżuri restrittivi fil-każ tas-Somalja

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 147/2003 dwar ċerti miżuri restrittivi fil-każ tas-Somalja jimponi projbizzjoni ġenerali fuq l-għoti ta' pariri tekniċi, assistenza, taħriġ, finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati ma' attivitajiet militari, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fis-Somalja.
2. Fl-24 ta' Lulju 2013, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti adotta r-Riżoluzzjoni 2111 (2013) u b'hekk jemenda l-kamp ta' applikazzjoni tal-embargo tal-armi billi jipprovdi għal deroga mill-projbizzjoni tal-assistenza relatata ma armamenti u tagħmir militari intiż għas-sostenn jew l-użu tal-Missjoni ta' Assistenza tan-Nazzjonijiet Uniti fis-Somalja (UNSOM) u l-Missjoni ta' Taħriġ tal-Unjoni Ewropea fis-Somalja (EUTM).
3. Il-Kunsill daqt se jadotta deċiżjoni li temenda d-Deċiżjoni 2010/231/PESK sabiex jipprovdi għal tali derogi.
4. Hija meħtieġa aktar azzjoni mill-Unjoni sabiex jiġu implimentati dawn il-miżuri.
5. Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea jipproponu li jemendaw ir-Regolament (KE) Nru 147/2003 skont dan.

2013/0330 (NLE)

Proposta Konġunta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 147/2003 dwar ċerti miżuri restrittivi fil-każ tas-Somalja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/231/PESK tas-26 ta' April 2010 dwar miżuri restrittivi kontra s-Somalja u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2009/138/PESK[1],

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 147/2003 dwar ċerti miżuri restrittivi fil-każ tas-Somalja[2] jimponi projbizzjoni ġenerali fuq l-għoti ta' pariri tekniċi, assistenza, taħriġ, finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati ma' attivitajiet militari, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fis-Somalja.

(2) Fl-24 ta' Lulju 2013, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti adotta r-Riżoluzzjoni 2111 (2013) u b'hekk emenda l-embargo fuq l-armi impost mill-paragrafu 5 tar-Riżoluzzjoni tal-KSNU 733 (1992) u elabora aktar fuq il-paragrafi 1 u 2 tar-Riżoluzzjoni 1425 (2002) u mmodifikat mill-paragrafi 33 sa 38 tar-Riżoluzzjoni 2093 (2013) u b'hekk jipprovdi għal deroga mill-projbizzjoni tal-assistenza relatata ma armamenti u tagħmir militari intiż għas-sostenn ta' jew l-użu mis-suċċessur tal-Missjoni għall-Assistenza tan-Nazzjonijiet Uniti fis-Somalja (UNSOM) u l-Missjoni ta' Taħriġ tal-Unjoni Ewropea fis-Somalja (EUTM).

(3) Fil-... ta' Ottubru 2013 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/.../PESK[3], li temenda d-Deċiżjoni 2010/231/PESK u tipprovdi għal tali derogi.

(4) Dawn il-miżuri jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, għalhekk, sabiex jiġu implimentati, hemm bżonn ta' azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni, partikolarment bil-għan li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħhom mill-operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha.

(5) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 147/2003 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

---

1 ĠU L 105, 27.04.2010, p. 17.
2 ĠU L 24, 29.01.2003, p. 2.
3 ĠU L …

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fir-Regolament (KE) Nru 147/2003, l-Artikolu 2a jinbidel b'dan li ġej:

'Artikolu 2a

B'deroga mill-Artikolu 1, l-awtorità kompetenti, kif indikata fil-websajts stabbiliti fl-Anness I, fl-Istat Membru fejn il-fornitur tas-servizz huwa stabbilit, tista' tawtorizza, taħt dawk il-kundizzjonijiet li hija tikkunsidra xierqa:

(a) l-għoti ta' finanzjament, assistenza finanzjarja, pariri tekniċi, assistenza jew taħriġ relatati ma' attivitajiet militari, jekk tkun iddeterminat li dan it-tip ta' finanzjament, pariri, assistenza jew taħriġ ikunu maħsuba unikament għas-sostenn jew l-użu tal-Missjoni tal-Unjoni Afrikana fis-Somalja (AMISOM) imsemmija fil-paragrafu 10(b) tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (UNSCR) 2111 (2013);

(b) l-għoti ta' finanzjament, assistenza finanzjarja, pariri tekniċi, assistenza jew taħriġ relatati ma' attivitajiet militari, jekk ikun iddeterminat li dan it-tip ta' finanzjament, pariri, assistenza jew taħriġ ikun maħsub unikament għas-sostenn tas-sħab strateġiċi tal-AMISOM, jew għall-użu minnhom li joperaw biss taħt il-Kunċett Strateġiku tal-Unjoni Afrikana tal-5 ta' Jannar 2012, u f'kooperazzjoni u koordinazzjoni ma' AMISOM kif stipulat fil-paragrafu 10 tal-UNSCR 2111 (2013);

(c) l-għoti ta' finanzjament, assistenza finanzjarja, pariri tekniċi, assistenza jew taħriġ relatati ma' attivitajiet militari, jekk ikun iddeterminat li dan it-tip ta' finanzjament, pariri, assistenza jew taħriġ ikun maħsub unikament għas-sostenn jew l-użu tal-persunal tan-Nazzjonijiet Uniti, inkluża l-Missjoni ta' Assistenza tan-Nazzjonijiet Uniti fis Somalja kif stipulat fil-paragrafu 10(a) tal-UNSCR 2111 (2013);

(d) l-għoti ta' pariri tekniċi, assistenza jew taħriġ relatati ma' attivitajiet militari, jekk jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) l-awtorità kompetenti kkonċernata ddeterminat li tali pariri, assistenza jew taħriġ huma maħsuba biss għall-fini li jgħinu biex jiżviluppaw l-istituzzjonijet tas-settur tas-sigurtà, b'mod konsistenti mal-proċess politiku stabbilit fil-paragrafi 1, 2 u 3 tal-UNSCR 1744 (2007); u

(ii) l-Istat Membru kkonċernat innotifika lill-Kumitat stabbilit bil-paragrafu 11 tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 751 (1992) bid-determinazzjoni li tali pariri, assistenza jew taħriġ ikunu maħsuba biss għall-fini li jgħinu biex jiżviluppaw l-istituzzjonijet tas-settur tas-sigurtà, b'mod konsistenti mal-proċess politiku stabbilit fil-paragrafi 1, 2 u 3 tar-Riżoluzzjoni UNSCR 1744 (2007) u bl-intenzjoni tal-awtorità kompetenti tiegħu li tagħti awtorizzazzjoni, u l-Kumitat ma jkunx oġġezzjona għal dak il-perkors ta' azzjoni fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol min-notifika;

(e) l-għoti ta' finanzjament, assistenza finanzjarja, pariri tekniċi, assistenza jew taħriġ relatati ma' attivitajiet militari, ħlief f'dak li għandu x'jaqsam mal-punti stipulati fl-Anness III, jekk jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) l-awtorità kompetenti kkonċernata ddeterminat li tali pariri, assistenza jew taħriġ huma maħsuba biss għall-iżvilupp tal-forzi tas-sigurtà tal-Gvern Federali tas-Somalja, u biex jipprovdu s-sigurtà għall-poplu tas-Somalja; u

(ii) issir notifika lill-Kumitat stabbilit bil-paragrafu 11 tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 751 (1992) mill-inqas ħamest ijiem qabel kwalunkwe għoti ta' pariri, assistenza jew taħriġ maħsuba biss għall-iżvilupp tal-forzi tas-sigurtà tal-Gvern Federali tas-Somalja, u biex jipprovdu s-sigurtà għall-poplu tas-Somalja, jipprovdu kull informazzjoni rilevanti skont il-paragrafu 16 tal-UNSCR 2111 (2013); u, jekk ikun xieraq,

(iii) l-Istat Membru kkonċernat, wara li jkun ikkonsulta mal-Gvern Federali tas-Somalja bl-intenzjoni tiegħu li jagħmel hekk, ikun innotifika lill-Kumitat stabbilit bil-paragrafu 11 tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 751 (1992), mill-inqas ħamest ijiem bil-quddiem, bid-determinazzjoni li tali pariri, assistenza jew taħriġ ikunu maħsuba biss għall-iżvilupp tal-Forzi tas-Sigurtà tal-Gvern Federali tas-Somalja, u li jipprovdu s-sigurtà għall-poplu tas-Somalja, u bl-intenzjoni tal-Awtorità Kompetenti tiegħu li tagħti awtorizzazzjoni, inkluż l-informazzjoni rilevanti kollha skont il-paragrafu 16 tal-UNSCR 2111 (2013);

(f) l-għoti ta' finanzjament, assistenza finanzjarja, pariri tekniċi, assistenza jew taħriġ relatati ma' attivitajiet militari, jekk ikun iddeterminat li dan it-tip ta' finanzjament, pariri, assistenza jew taħriġ ikunu maħsuba unikament għas-sostenn jew l-użu tal-Missjoni ta' Taħriġ tal-Unjoni Ewropea fis-Somalja (EUTM).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President